# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Edwina Grima

Appell Nru. 70/2017

Seduta tal-10 ta' Mejju 2019

**Il-Pulizija**

**(Spettur Lara Butters)**

**Vs**

**Karen Busuttil**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti Karen Busuttil, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 400179(M) akkużata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1) Naqset li tobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilha minn PS 928, waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew ma ħallietx jew fixklet jew indaħlet lill-imsemmi uffiċjal waqt il-qadi ta' dmirijietu;

2) U aktar talli kisret volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u storbju;

3) U aktar talli ngurjat u heddedt lil PS 928, persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz jew bil-ħsieb li tbeżżgħu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz;

4) U aktar talli rrifjutat li tagħti l-partikularitajiet tagħha lill-Uffiċjal tal-pulizija meta dan talabhomlha waqt il-qadi ta' dmiru.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-13 ta' Frar, 2017 fejn il-Qorti sabet lill-imputata Karen Busuttil ħatja tal-ewwel, it-tieni w ir-raba' imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħha, illiberatha mit-tielet imputazzjoni u ikkundannatha għal *ammenda* ta' €150.

.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Karen Busuttil, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-17 ta' Frar, 2017, fejn tallbet lil din il-Qorti sabiex tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-esponenti ġiet illiberata u tħassarha, tirrevokha u tannullha fejn instabet ħtija biex b'hekk tillibera lill-appellanti minn kull ħtija.

Rat l-aggravji tal-appellanti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-unika lanjanza ventilata mill-appellanti hija marbuta mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti meta hija giet misjuba hatja tal-ewwel, it-tieni u r-raba imputazzjonijiet migjuba kontra taghha. Dan ghaliex tishaq illi hija gholliet lehinha mal-pulizija, s-surgent 928, billi dan kien qieghed fi stat ta' sokor u l-imgieba tieghu allura kienet wahda abbuziva fil-konfront taghha.

Illi jibda biex jinghad illi l-appellanti giet misjuba hatja biss ta' dawk l-akkuzi ta' natura kontravvenzjonali meta hija naqqset milli tobdi l-ordnijiet legittimi tas-surgent 928, kissret il-paci pubblika u l-buon ordni u finalment naqqset milli taghti l-partikularitajiet taghha lill-pulizija meta giet mitluba biex taghmel dan.

Illi huwa indubitat minn ezami tal-provi u tax-xiehda tal-ufficjali tal-pulizija li kienu involuti fl-incident mertu ta' dan il-kaz, illi l-appellanti li giet mwaqqfa mill-pulizija gewwa Ta' Xbiex minhabba suspett li kienet qed titlajja ghal skopijiet ta' prostituzzjoni, irrifjutat minnufih li tghaddielhom id-dettalji taghha meta giet mitluba taghmel dan u minflok infexxet f'hafna ghajjat u storbju, b'allegazzjoni li l-pulizija kienu qed jaqqbdu maghha intortament billi hija kienet biss qed tistenna lis-sieheb taghha Kevin Attard fuq l-ghatba tal-bieb tar-residenza taghha u mhux qieghda titlajja. Illi allura t-tieni u r-raba akkuzi li dwarhom l-appellanti giet misjuba hatja jirrizultaw ippruvati u dan sa mill-mument illi hija giet imwaqqfa gewwa Ta' Xbiex immaterjalment minn dak li sehh gewwa l-ghassa tal-Imsida iktar tard fejn imbaghad sehh il-konfront mas-surgent Ramon Mifsud Grech.

Tant hu hekk illi minhabba r-rifjut minn naha tal-appellanti u is-sieheb taghha Kevin Attard li jikkoperaw mal-ufficjal tal-pulizija mill-iskwadra ta' kontra l-Vizzji, kellhom jissejjhu l-pulizija mir-Rapid Intervention Unit sabiex dawn it-tnejn minn nies jigu skortati lejn l-ghassa tal-pulizija, fejn imbaghad l-appellanti regghet irrifjutat li tobdi l-ordni moghtija mis-surgent 928 u bdiet tallega li dan kien fi stat ta' sokor.

> **"Ordni legittimu moghti mill-pulizija jew mill-awtorita ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama wara dwar il-gustizzja intrinsika ta' dak l-ordni.**
>
> **Ordni jitqies legittimu ghall-finijiet tal-kontravenzzjoni kontemplata f'l-artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali jekk ikun prima facie legittimu jigifieri jekk ikun prima facie regolari fil-kontenut tieghu u fil-forma li bih jinghata.[1]"**

Dan ifisser allura illi l-appellanti errat meta iddecidiet tinjora l-ordni moghtija mill-pulizija sabiex hija tghaddhielhom id-dettalji personali taghha u rreaggixxiet b'konfrontazzjoni mal-ufficjali tal-pulizija li waqqfuha u aktar tard gewwa l-ghassa tal-pulizija. Jekk dehrliha li l-ordni moghtija kienet wahda ingusta kellha

[1] Appell Kriminali – Il-Pulizija vs Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze – 25/06/1997

kull dritt, kif fil-fatt ghamlet, tipprotesta ghal dak li fil-fehma taghha kienet ordni ingusta u dan bil-mezzi kollha li taghtiha l-ligi.

Ghaldaqstant din il-Qorti ma issib l-ebda mottiv li jista' igieghlha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti u dan fir-rigward tal-apprezzament tal-provi minnha maghmula.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

Edwina Grima
Imhallef